**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru: 57/2021 MLF**

**GSD Marketing Limited**

**vs**

**ADR Catering Limited,**
**John Mary Caruana u**
**Mary Caruana**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsuha s-somma ta' sitt elef tlett mija u tnejn u sittin ewro u disgha u erbghin centezmu (€6,362.49), rapprezentanti bilanc rimanenti minn self moghti mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u dana skond rezokont allegat bhala Dok "A", liema ammont baqa' ma thallasx minkejja illi gew debitament interpellati. Dan is-self gie garantit in solidum mill-konvenuti John Mary u Mary konjugi Caruana;

   Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2738/2020 flimkien mal-imghax kummercjali dovut mill-ewwel (1) ta' Mejju 2020 sad-data tal-hlas effettiv.

2. Rat li s-socjeta konvenuta u l-konvenuti John Mary u Mary konjugi Caruana ma dehrux ghalkemm kienu debitament notifikati, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentaw risposta.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

4. Semghet ix-xhieda ta' Trevor Shaw, *commercial manager* tas-socjeta attrici fis-seduti tad-9 ta' Jannar 2023 u tas-6 ta' Frar 2023 fejn ikkonferma li l-ammont dovut mill-konvenuti huwa ta' erbat elef tmien mija u wiehed u sebghin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€4,871.24), u mhux l-ammont indikat fl-avviz, stante li fil-mori ta' dawn il-proceduri il-konvenuti hallsu parti ohra mid-dejn minnhom dovut.

5. L-istess xhud ezebixxa d-dokumenti relattivi ghal dan id-dejn, u spjega fid-dettal in-natura ta' dan id-dejn.

6. Rat li l-konvenuti baqghu ma ressqux provi.

7. Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Trevor Shaw u d-dokumenti minnu ezebiti.

**Konkluzjoni**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' limitatament t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef tmien mija u wiehed u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€4,871.24) lis-socjeta attrici, flimkien mal-imghax kummercjali dovut mill-ewwel (1) ta' Mejju 2020 sad-data tal-hlas effettiv.

9. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2738/2020, ghandhom jigu subiti mill- konvenuti.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**